# il-Ħuttafa

Numru **189** Lulju – Awwissu 2025



**Budakkra tal-Frenża**

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Desirée Falzon



**Arżnell tat-tikek** (blotched picarel) iħuf għal xi ħaġa bnina qalb il-ħaxix tal-baħar



# Ħbieb Ħuttaf...




## mill-editur

Sa ftit snin ilu ma kont naf xejn fuq il-ħajja fil-baħar ta' madwarna. Nittawwal minn maskla tal-għawm kont nara kollox żlieġ għax bla nuċċali jien ma narax ċar. Ma stajtx ingawdi dik id-dinja sabiħa taħt wiċċ l-ilma.

Kos, anke f'*Il-Ħuttafa* rari kont inġib dwar ħut u hekk, għax ma kienx suġġett li nifhem fih.

Darba xi ħadd qalli:

"Isma' Vic, il-maskla tista' tagħmlilha l-ħġieġ tal-vista, ta!"

Ma kinitx kelma! F'daqqa waħda nfetħitli dinja ġdida quddiemi: id-dinja tas-snorkelling!

Armajt maskla u pajp, u bdejt inżur il-baħar kull ċans li jkolli. Bdejt nara u nagħraf ħut differenti, nitgħallem id-drawwiet tagħhom, fejn iħobbu joqogħdu. Meta l-ħut tidrahom isiru qishom ġirien. Issir taf min jgħix hawn u min jgħix hemm: ċeren taħt il-blat, budakkri fit-toqob, imsell fil-wiċċ, ċawl u kaħli fi gruppi, bollijiet mal-qiegħ, skorfon imperreċ fuq xi xifer, eċċ.

Xtrajt kamera biex nieħu r-ritratti ħalli naqsamhom magħkom f'*Il-Ħuttafa*. Kull darba li mmur snorkelling inkun eċitat għax il-baħar sinjur u qatt ma taf x'ser tara. Hemm gzuz ta' speċi.

Inħeġġiġkom ħafna taqbdu dal-passatemp sabiħ, edukattiv u rħis. Issa komplu gawdu s-sajf u l-baħar, imma ftakru dejjem x'tgħidilkom paġna 16!

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur

Victor Falzon







Klabb Ħuttaf · Dinja Waħda · BirdLife MALTA

## F'dil-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Granċ u sponża | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| Aħbarijiet sbieħ mid-dinja | 5 |
| From wrecks to homes | 6 |
| Ġirja għall-baħar! | 7 |
| Paletta | 8–9 |
| Xammru l-kmiem | 10 |
| Which one? | 11 |
| Art Gallery | 11 |
| The screaming fliers | 12 |
| Għaliex jgħidulu..Qattus? | 13 |
| Tales of Kottonera | 13 |
| Exploring Natura 2000 sites | 14 |
| il-brimba qabbieża | 15 |
| Il-baħar darhom | 16 |


## Kitbu...

**Desirée Falzon, Victor Falzon, Érica Moura, Michael Wilson**

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Kuntatti...

tel **21347645**
emergency injured bird **79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
editor email **victor.falzon@birdlifemalta.org**
general email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, August 2025
Design and production Victor Falzon
Printed at Poultons on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Desirée Falzon

### Budakkra tal-Frenża

Molly Miller *Scartella cristata*

Ħuta żgħira u simpatika li tgħix fil-baxx ħafna. Il-gost tagħha toqgħod f'toqba f'wiċċ il-blat tittawwal qisha mit-tieqa tad-dar tagħha, tosserva x'inhu jiġri madwarha u tkeċċi lil min jersqilha viċin wisq. Jekk titħajjar tagħmel snorkelling, din aktarx waħda mill-ewwel "ħbieb" li inti tagħmel!

# 127 s'issa!



Mark-Anthony Falzon

F'*Il-Ħuttafa* li għaddiet konna ħabbarna tliet bejtiet tal-**fekruna tal-baħar** (loggerhead turtle *Caretta caretta*): waħda l-Ġnejna, waħda l-Mellieħa u waħda r-Ramla l-Ħamra f'Għawdex.

Minn dak iż-żmien 'l hawn il-bejtiet minn tlieta saru sitta, bit-tlieta l-ġodda lkoll fir-Ramla l-Ħamra. Dir-ramla kwieta, bla dwal u bla storbju qiegħda ideali għall-fkieren tal-baħar.

Żvilupp ieħor hu li l-bejtiet tal-Ġnejna, tal-Għadira u waħda minn tar-Ramla faqqsu. Mill-Ġnejna faqqsu **79** fkejruna, mill-Għadira **22** u mir-Ramla **26**.

Nawguraw suċċess lill-bqija tal-bejtiet, u prosit kbira lill-ħafna voluntiera għassa mal-bejtiet 24 siegħa kuljum.

# Bil-lest!



Aron Tanti

It-tliet frieħ tal-**fras-servjenti** (black-winged stilt *Himantopus himantopus*) li faqqsu fir-riserva tal-Għadira das-sajf kibru u tgħallmu jtiru. Jafu jfendu għal rashom u jsibu l-ikel weħidhom, għalkemm ommhom xorta għadha magħhom.

Ftit tal-ġranet jew ġimgħat oħra dawn l-għasafar żgħażagħ jagħmlu l-ewwel vjaġġ tagħhom – vjaġġ twil u perikoluż lejn l-Afrika Ċentrali. Aħna nawgurawlhom mhux biss li jaslu qawwijin u sħaħ, imma li s-sena d-dieħla jiġu jżuruna!

Ir-riserva naturali tal-Għadira hija l-uniku post f'Malta fejn il-fras-servjent ibejjet b'suċċess.

# + Sentejn!



Victor Falzon

Sentejn ilu ħabbarna li r-**rizzi** (rock-urchin *Paracentrotus lividus*) saru protetti bil-liġi, u għal sentejn ħadd ma seta' jiġborhom iktar. Dan għaliex ir-rizzi naqsu sew minn baħarna. Dil-liġi tagħtihom ċans jerġgħu jżidu fin-numru.

Sadattant bdew jitrabbew rizzi żgħar fil-magħluq ħalli jintelqu biex ikomplu jkattru l-popolazzjoni.

Dawk is-sentejn issa għaddew u r-rizzi żdiedu, imma l-istudju wera li ma żdidux biżżejjed. Għalhekk il-liġi (jgħidulha moratorium) ġġebbdet għal sentejn oħra, ħalli r-rizzi jkollhom iktar ċans jirkupraw.

Prosit! Issa hemm bżonn liġijiet bħal dawn għall-għasafar ukoll.



**Jekk tkunu qed issuqu bil-lejl fil-kampanja, suqu bil-mod biex jekk inkun qed naqsam it-triq tarawni fil-ħin u ma ttajrunix. Grazzi!**

Victor Falzon

Kull ♥ trid oħra! Teamwork fin-natura Desirée Falzon




**Did-darba se nħarsu lejn rabta speċjali bejn sponża tal-baħar u granċ.**

# Granċ ... u Sponża

## Eqdem mid-dinożawri

Meta ngħidu "annimal" nimmaġinaw ħlejqa b'ras, ġisem u xi tip ta' idejn jew saqajn u forsi denb. L-isponża tal-baħar m'għandha xejn minn dawn, imma hija xorta annimal. Bħall-bqija tal-annimali l-isponoż iridu jsibu l-ikel biex jikbru u jżommu ħajjin.

L-isponoż huma annimali primittivi ħafna. Aktarx kienu uħud mill-ewwel annimali fid-dinja, ħafna qabel id-dinożawri.

L-isponoż m'għandhomx forma partikolari imma jieħdu ħafna suriet differenti. Ħafna minnhom ikunu rotob u ma jiċċaqalqux mill-blata fejn ikunu kibru. B'hekk huwa faċli għall-predaturi li jigdmuhom. L-isponoż jittieklu minn bugħarwien tal-baħar u xi ħut.

L-isponża tiekol billi ssoff l-ilma baħar mill-ħafna toqob li jkollha madwar ġisimha. L-ilma jkun mimli frak ta' pjanti jew annimali, jew [1]plankton.

## Granċ barbier!

Il-granċ tal-isponża għandu relazzjoni speċjali mal-isponoż. Dal-granċ għandu ħaġa differenti mill-bqija tal-granċijiet. Bħal granċijiet oħrajn għandu ħames pari saqajn. Il-par ta' quddiem fihom it-tnalji *(pincers)* li jużahom biex jaqbad l-ikel u jiddefendi lilu nnifsu. Tnejn mill-erba' pari l-oħrajn jużahom biex jimxi, u ż-żewġ pari ta' wara jkunu ċatti u mdawrin għal fuq dahru. Għax bihom ikun qed iżomm sponża fuq dahru!

Dan il-granċ jagħżel sponża, iqatta' biċċa minnha, ipoġġiha fuq dahru u bis-saqajn speċjali jqasqas it-truf qisu barbier qed jittrimjalu xagħru! Fuq dahar il-granċ l-isponża sservi ta' kamuflaxx għax tgħattih: meta jkun wieqaf il-granċ ma tagħrfux mill-bqija tal-blat u l-isponoż tal-madwar. U b'hekk predaturi bħall-qarnita jew ħut ma jattakkawhx għax ma jarawhx mistoħbi taħt l-isponża.







Żewġ sponoż mill-baħar baxx madwar xtutna.

## U l-isponża x'tieħu?

Il-granċ jiddefendi l-isponża "tiegħu" mill-predaturi – dawk it-tnalji ma tiċċajtax magħhom! Fl-istess ħin, fdalijiet mill-ikel li jiekol il-granċ jiċċirkolaw fl-ilma li jidħol fl-isponża u hi tiffiltra u tiekol ukoll.

B'hekk it-tnejn jieħdu xi ħaġa minn xulxin. Kull qalb trid oħra!

### Għaliex jgħidulhom sponoż

**L-isponoż tal-baħar kienu l-ewwel sponoż! L-isponża li ninħaslu biha illum hija ta' materjal sintetiku. Imma qabel ġie vvintat dal-materjal in-nies kienu jużaw l-isponoż tal-baħar, u mhux għall-ħasil biss. Dawn kienu jinġabru minn għaddasa minn qiegħ il-baħar, jitnixxfu, jitnaddfu u jinbiegħu! Illum dan ix-xogħol kważi spiċċa.**



Bugħaddas Grieg qed isensel ringiela sponoż naturali li tella' minn qiegħ il-baħar ħalli jinxfu fix-xemx.

[1]**plankton**. Pjanti u annimali mikroskopiċi li jmorru fejn joħodhom il-kurrent

# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru **408 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha: dawn huma numri **201** sa **210**.

201 
Isem Malti
**Bagħdan Abjad**
Isem Ingliż
**Pallid Harrier**
Isem xjentifiku
*Circus macrourus*

202 
Isem Malti
**Bagħdan Griż**
Isem Ingliż
**Montagu's Harrier**
Isem xjentifiku
*Circus pygargus*

203 
Isem Malti
**Sparvier tal-Lvant**
Isem Ingliż
**Levant Sparrowhawk**
Isem xjentifiku
*Accipiter brevipes*

204 
Isem Malti
**Sparvier**
Isem Ingliż
**Eurasian Sparrowhawk**
Isem xjentifiku
*Accipiter nisus*

205 
Isem Malti
**Ajkla tal-Baħar**
Isem Ingliż
**White-tailed Sea-eagle**
Isem xjentifiku
*Haliaeetus albicilla*

206 
Isem Malti
**Astun Aħmar**
Isem Ingliż
**Red Kite**
Isem xjentifiku
*Milvus milvus*

207 
Isem Malti
**Astun Iswed**
Isem Ingliż
**Black Kite**
Isem xjentifiku
*Milvus migrans*

208 
Isem Malti
**Kuċċarda tal-Kalzetti**
Isem Ingliż
**Rough-legged Buzzard**
Isem xjentifiku
*Buteo lagopus*

209 
Isem Malti
**Kuċċarda Prima**
Isem Ingliż
**Eurasian Buzzard**
Isem xjentifiku
*Buteo buteo*

210 
Isem Malti
**Kuċċarda Ħamra**
Isem Ingliż
**Long-legged Buzzard**
Isem xjentifiku
*Buteo rufinus*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

## Aħbarijiet sbieħ mid-dinja?






Il-**Portugall** għadu kemm iddikjara *Marine Protected Area* f'medda baħar ta' 98,000km$^2$ (ikbar mill-Portugall innifsu) fl-inħawi ta' Gorringe Ridge, fejn hemm vulkani f'qiegħ l-Oċean Atlantiku. Hawn tgħix varjetà kbira ta' ħajja (mill-inqas 850 speċi), fosthom qroll u foresti ta' kelp. B'hekk il-Portugall issa għandhom 27% ta' baħarhom protett.






Il-**Messiku** ħabbar li mhux se joħroġ iktar permessi biex jinqabdu jew jitrabbew iktar dniefel għal skop ta' spettaklu. Fi kliem ieħor ftit ftit id-dolfinarja kollha fil-Messiku se jkollhom jagħlqu. Bħall-annimali fiċ-ċirku, id-dniefel posthom fil-baħar, mhux maqfulin biex in-nies iħallsu ħalli jarawhom jagħmlu triks stupidi.






Pariġi, il-belt kapitali ta' **Franza**, trid tnaqqas l-użu ta' karozzi privati. B'hekk jonqsu dħaħen, tpaqpiq, periklu u *traffic jams*, u l-parkeġġi qed jibdluhom f'ġonna. In-nies qed jiġu mħajra jużaw it-trasport publiku fil-belt. Diġà hemm 300 triq li huma *car-free*. Issa r-residenti vvutaw biex jingħalqu 500 triq oħra għall-vetturi. Oh la la!

# FROM WRECKS TO HOMES: THE ARTIFICIAL REEFS OF MALTA

MALTA NATIONAL AQUARIUM

## Wrecks That Bring Life

When ships, planes, or submarines sink, they can become artificial reefs! These wrecks turn into underwater homes for fish, crabs, and even tiny algae. If placed carefully and made of safe materials, they can become some of the liveliest spots in the sea.



## The Brave Ship ORP Kujawiak

In June 1942, a convoy left Gibraltar for Malta during World War II, carrying supplies as part of Operation Harpoon. Attacked right away by Italian forces, several ships were lost, but the Polish destroyer ORP Kujawiak fought bravely, shooting down four enemy planes! The next day, as the convoy neared Valletta, a ship struck a mine. ORP Kujawiak rushed to help but hit a mine too and sank. In 2014, its wreck was found 97 meters deep, the front, with its big twin guns, still in good shape, though the back was badly damaged.



## The Skyraider Splashdown

Just off the coast of Birżebbuġa, there's a sunken plane called the Douglas A-1 Skyraider. Back in 1947, it was delivering mail, but during one flight, its engine failed completely! The pilot managed to glide it into the sea at high speed. The plane floated for about a minute, just long enough for the pilot to hop into a dinghy and escape. He was rescued by a helicopter, making this the first helicopter rescue ever recorded in the Mediterranean!

## Why Artificial Reefs Matter

Artificial reefs, like sunken ships or special underwater structures, are like fun parks for sea life! They give fish and other creatures food, shelter, and a safe place to live, especially where natural reefs are gone. These reefs make the ocean more colourful and exciting, help fishing communities, attract divers, and even protect coastlines. One creature's wreck really can be another's treasure!

Want to dive deeper into the world of artificial reefs?
Come explore the Malta National Aquarium! Discover how sunken ships become underwater homes, meet the sea creatures that live there, and learn how reefs help protect ocean life!

THE VIRTUAL MUSEUM
UNDERWATER MALTA

# Ġirja għall-baħar!







Il-Wildlife Rescue Unit tan-Nature Trust tieħu ħsieb annimali mis-selvaġġ li jkollhom bżonn l-għajnuna. Fost dawn ikun hemm fkieren tal-baħar li jkunu tħabblu fi xbiek jew xlief, jew belgħu xi sunnara jew skart, jew intlaqtu minn skrejjen tad-dgħajjes.







Tim ta' nies dedikati jieħdu ħsieb dawn l-annimali, kultant għal diversi xhur, u jagħmlu mill-aħjar biex l-annimal jerġa' jieħu saħħtu.







Jekk l-annimal ifiq, jasal fl-aħħar il-mument tant mistenni meta l-annimal jinħeles lura fin-natura. Dawn ir-ritratti juru wieħed minn dawk il-mumenti.

**Din il-fekruna (loggerhead turtle *Caretta caretta*) inħelset fir-Ramla tal-Mixquqa fit-30 Ġunju 2025**







Prosit guys! Excellent work! Keep it up!

Ritratti ta' **Aron Tanti**

# Paletta

## Eurasian Spoonbill

*Platalea leucorodia*



Ritratt ta' Ian Balzan fir-riserva naturali tas-Salina



# XAMMRU L-KMIEM

Għeżież tfal  Kif intom? Nispera li tajbin! Jien dis-sħana għejjietni ftit – b'iġri tasal il-Ħarifa issa! Illum xtaqt naqsam magħkom idea li ġietni dan l-aħħar.

Kif tafu jien inħobb indur u intir ma' Malta u Għawdex kollha. Dal-aħħar vera qed ninnota ħafna skart fuq il-bajjiet u madwar il-kosta tal-gżejjer tagħna. Għandkom mnejn tgħidu li ftit skart ma jagħmilx differenza imma għalija u sħabi l-annimali vera jagħmlilna ħsara. Nistgħu ninqabdu fih, nikluh bi żball u anke jeqred id-djar tagħna!

Tgħiduli biex ħiereġ? Mela l-idea hija din. Id-darba li jmiss li tmorru tgħumu jew xi picnic ħarsu  madwarkom. Jekk taraw xi skart, anke jekk mhux tagħkom iġbruh u armuh fejn suppost. Importanti li tużaw l-ingwanti jew saqsu lil xi adult jgħinkom. B'hekk mhux biss tgħinu li l-Malta u Għawdex ikunu aktar nodfa imma tkunu qed tgħinu lili, lil sħabi l-għasafar u l-ħut!

Immaġinaw dinja fejn kull tifel u tifla jiġbru biċċa waħda ta' skart. Taf x'differenza tagħmlu! U hekk ngħinu li jkollna ambjent aħjar.

Grazzi ħafna tfal! U nispera li narakom tiġbru meta nkun qed intir!☺

*Petitu*
(l-għasfur tal-bejt)



Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).
BOV Bank of Valletta

# Which one's the sparrow?

It's not easy to recognise a bird when you see it in silhouette (with the light behind it). Here are six birds. One of them is a sparrow, the others I made up from different birds! So which one's the sparrow?

Answer on page 13




Victor Falzon




**Send us your nature drawings so we can publish them here!**

**victor.falzon@birdlifemalta.org**

Art Gallery



**Malvizz**
Daniel Martinez 6

## Tixtieq tagħti donazzjoni lil BirdLife Malta?

Il-BirdLife ikollha ħafna spejjeż biex tmexxi l-attivitajiet u biex taħdem għan-natura.

Minn dal-QR code tista' tagħmel donazzjoni onlajn. GRAZZI!

## Għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf?

- Tixtieq tidħol fil-Klabb?
- Tixtieq iġġedded?
- Tixtieq iddaħħal il-familja kollha?

Minn dal-QR code tista' tinqeda kollox onlajn. GRAZZI!



We remember you from **Il-Ħuttafa 181**



Hi! I'm **Michael Wilson**, a young birder from Mellieħa. I'd like to tell you about...

# The screaming fliers of Mellieħa

Michael Wilson

Since the spring of 2009 – not by coincidence in the same year that a spring hunting season was not opened for the first time in Malta – common swifts have been returning to the Mellieħa parish church to nest. They nest in cracks and crevices high up on the back and sides of the church. Swifts return to the place they hatch in to nest themselves, so over the years this colony has grown.

When on migration, you usually see swifts flying high and speeding north, so when I see them screaming low around the church I know *these* are the breeding ones.

This spring, the breeders arrived in mid-April in numbers of around 30 individuals but only around eight nests were built. The higher number of birds is because swifts do not mature until they are two years old, and some wait until their fourth year to breed. These are called prospectors, or bangers, and they still visit the colonies.

In the span of the breeding season, which takes about 70 days, up to three eggs are laid and incubated for around 25 days. When the chicks hatch, the parents start bringing them food. They catch flying insects with their wide mouth and return to the nest to feed the chicks this ball of hundreds of tightly packed insects called a bolus.

Once most chicks fledge and leave the nest, the number of birds flying around the colony now almost doubles.

The swifts remain here for a few more weeks, then migrate. All through winter they will stay on the wing without ever touching land until they return to nest again next year. Amazing!

I feel really privileged to enjoy swifts so close, and to know that the only time these particular birds land it's on our own parish church! I am already looking forward to their return.



Nicholas Galea



Michael Wilson

To **fledge** means to grow feathers and learn to fly.



"They nest in cracks and crevices high up on the back and sides of the church"

Michael Wilson

**Do YOU have swifts breeding in your village?**

# Għaliex jgħidulu qattus?

Ma tridx tkun ġenju biex tifhem għaliex din il-kokka jisimha hekk. Biżżejjed ikollok għajnejn f'wiċċek, anzi aħna biex inkomplu ngħinukom ġibnielkom ritratt kemm tagħha kif ukoll ta' pejxu proprju.

Kif taraw, din il-kokka mhux biss għandna wiċċha tond u par għajnejn kbar iħarsu 'l quddiem, imma għandna wkoll il-widnejn. X'jonqos, li tagħmel *mjaww*?

Biex niftiehmu, dawk il-"widnejn" mhuma widnejn xejn imma żewġ troffiet rix li l-kokka tqajjimhom meta tinħasad jew tkun eċitata. Il-vera widnejn tal-kokka jkunu moħbijin qalb ir-rix, u tisma' tajjeb ħafna bihom.

Din il-ġmiel ta' kokka hija n-**northern long-eared owl**, *(Asio otus)*. F'Malta mhix komuni, jidhru xi waħdiet, is-soltu fil-passa tal-ħarifa. Ġeneralment ma jiqfux hawn, għax Malta m'għandniex il-foresti li tħobb.

Intom il-bnedmin tħobbu xxebbhu annimali magħna l-qtates. Minbarra l-kokka, hemm serp li ssejħulu **qattus** għax għajnejh qishom tagħna – anke bl-Ingliż jismu **cat snake**. Hemm ukoll ħuta jisimha **qattus il-baħar**; tgħidulha wkoll **gattarell**, li ġejja minn *gatto* qattus bit-Taljan; anke bl-Ingliż jisimha **small-spotted catshark**. Hemm ukoll il-**catfish**, razza ta' ħut tax-xmajjar li semmejtuhom hekk għax għandhom il-"mustaċċi". Anke pjanti semmejtu għalina, pereżempju **mustaċċ il-qattus**, ħaxixa komuni magħrufa aħjar bħala denb il-fenek. Barra minn Malta jikber tip ta' safsaf tgħidulhom **pussy willows** għax il-blanzuni qishom qtates żgħar peress li jkunu miksijin b'fer fin.

U min jaf kemm hemm oħrajn!



Jekk tiftakru dehret ftit xhur ilu fil-Lista tal-Għasafar Kollha f'*Il-Ħuttafa* 187.







Misteri, sigrieti, stejjer ... tlaqna għal avventura madwar il-Kottonera!

Imxi magħna f'kull rokna, sqaq u misraħ tat-Tlett Ibliet, taħt il-gwida ta' Salvu s-seftur tal-Inkwiżitur, Bertu l-barklor u Oscar il-pappagall tiegħu, u Filomena, il-lukandiera simpatika. Għandhom ħafna ġrajjiet x'jirrakkontawlna dwar l-inħawi affaxxinanti tal-Kottonera.

Lanqas biss għandek bżonn toħroġ mid-dar! Kulma trid tagħmel hu li tidħol hawn: http://talesofkottonera.com

# Exploring Natura 2000 sites in Gozo & Comino

Natura 2000 sites aren't only found in Malta – there are several in Gozo too! Even the small island of Comino is a Natura 2000 site.

These sites are full of natural beauty and are home to unique plants and animals, some of which can't be found anywhere else in the world.

Here are **four Natura 2000 sites** found in the **northern part of the Maltese Islands**:



## L-Inħawi tax-Xlendi u tal-Wied tal-Kantra u l-irdumijiet ta' Għawdex: id-Dawra tas-Sanap sa tal-Ħajt

This Natura 2000 site includes a valley, high cliffs, and wide rocky areas. The valley is special because it has one of the few freshwater streams in the Maltese Islands that flows all year round.

The cliffs are very important for seabirds, as many of them build their nests there. There are also hidden sea caves along the coast, which give shelter to many different animals.



## Kemmuna u l-Gżejjer ta' madwarha

This Natura 2000 site is found between Malta and Gozo. It includes the island of Comino and nearby islets like Kemmunett, il-Ħaġriet ta' bejn il-Kmiemen, and l-Iskoll ta' Taħt il-Mazz.

Comino is famous for its clear waters and beautiful beaches. The most popular beach is the Blue Lagoon, which attracts many visitors every year. The terrestrial areas, along with the surrounding marine environment, are crucial for supporting plant and animal species.

## Iċ-Ċittadella

Found in the centre of Victoria, Gozo's capital city, this site is important for both its history and culture. It is best known for its old stone fortifications and beautiful views of the island.

But did you know that it's also home to a rare flowering plant? The Maltese Toadflax (*Linaria pseudolaxiflora*) grows between the ancient stone walls and paths of this ancient city.

## L-Inħawi tad-Dwejra u tal-Qawra, inkluż Ħaġret il-Ġeneral

This beautiful Natura 2000 site includes coastal cliffs, valleys, and even a freshwater pool. Dwejra was once home to the famous Azure Window.

Even though the window is no longer there, the area is still full of natural beauty. If you look closely, you might spot rare plants like the Maltese Everlasting, which only grows in the Maltese Islands, specifically in Gozo.



**Scan this QR Code to discover more about Natura 2000 in Malta**

F A T T I F A W N A


Victor Falzon




# il-Brimba Qabbieża

Il-brimb mhumiex insetti. Fost differenzi oħrajn, għandhom ġisimhom maqsum f'żewġ partijiet, għandhom tmien saqajn u m'għandhomx ġwienaħ.

F'Malta hawn xi 150 speċi ta' brimb, imqassmin f'xi 30 grupp (familji). Fost dawn hemm il-familja tal-brimb qabbież *(jumping spiders)*.

Il-familja tal-brimb qabbież hija waħda mill-ikbar familji ta' brimb f'Malta. Tgħodd xi 20 speċi f'Malta, inkluż waħda endemika.

Il-brimb qabbież jgħidulu hekk għax dawn jaqbdu l-priża billi jersqu lejha bil-mod u fl-aħħar jaqbżu għal fuqha.

Bħall-brimb kollu, il-brimb qabbież jipproduċi l-ħarir imma ma jinsiġx għanqbut, għax il-priża ma jaqbadhiex fin-nassa imma jikkaċċjaha.

Bħal ħafna brimb, il-brimb qabbież għandu tmien għajnejn imqassmin mad-dawra ta' rasu.

Il-brimb qabbież għandu vista tajba ħafna meta mqabbel ma' brimb ieħor. Par minnhom kbar sew u jħarsu 'l quddiem (ara r-ritratti). Il-vista tgħin lill-brimba tqis id-distanza tal-priża biex mal-qabża taqbadha żgur.

Xi brimb qabbież juża saqajh mhux biss biex jimxi u jaqbeż, imma wkoll biex jagħmel sinjali bihom u jikkomunika ma' brimb ieħor tar-razza tiegħu, speċjalment l-irġiel lin-nisa.

F'ħafna brimb in-nisa jkunu ikbar sew mill-irġiel. Fil-brimb qabbież m'hemmx differenza kbira fid-daqs imma spiss ikun hemm differenza fil-kulur. Dan jgħin biex tagħrafhom minn xulxin.







Desirée Falzon

# Il-baħar id-dar tagħhom.

(mhux il-landa taż-żibel tagħna)